# IL-PALAZZ TAL-KONTI SANT FOURNIER FIL-HAMRUN




Matul iż-żmien, Triq il-Kbira tal-Ħamrun għaddiet minn ħafna taqlib u tibdil. Fir-ritratt ta' hawn fuq wieħed jista' jara l-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo magħrufa bħala ta' Santunuzzu. Il-knisja baqgħet l-istess imma l-bini taż-żewġ naħat tagħha inbidel għal kollox. Fuq in-naħa tal-lemin x'ħin tkun tħares lejn ir-ritratt, tista' tara l-faċċata tal-palazz tal-Konti Sant Fournier. L-aħħar li għexu fih kienu l-Konti Giorgio Sant Fournier u martu Paolina li damu jgħixu fih għal 35 sena. Dan kien bejn l-1867 u l-1902.

*(Tagħrif mogħti mill-familja Sant Fournier).*